MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 205/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**vs**

**Nadia Rapinett**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Nadia Rapinett ta' 29 sena bint Carmen Rapinett mwielda Attard nhar il-05/06/1976 u residenti gewwa 97, 'Melita' Triq Sir Charles Cameron, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita' numru 282776(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

1. Fl-01 ta' Marzu, 2006, ghal habta ta' 18:15 ta' filghaxija gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema, ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li

kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 909 Paul Buhagiar, li hija vjolenza pubblika, li huwa persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi tat diversi daqqiet biex tikkaguna feriti ta' natura gravi fuq PS 909 Paul Buhagiar, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebed ghal-persuna ta' PS 909 Paul Buhagiar u kkagunatlu feritit ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Michael Spiteri MD ta' l-isptar San Luqa u dan ai termini tal-artikoli 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlet hsara gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema, liema hsarat hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2006 (inserita a fol. 59 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 96 u 98 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 41(1)(a), 214, u 221(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 214, 221(1) u 221(1)(c) tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali ;

Rat li l-imputata waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2011 iddikjara li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-10 ta' Mejju 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95(1), 98, 41, 221(1), 325, 338(dd) u 17 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba'(4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------